# ĦAL MILLIERI

## Raħal Medjevali li m'għadux jeżisti; iżda fih tnejn mill-eqdem pitturi ta' San Ġorġ f'Malta

*Kitba ta' Dr.Joseph F.Grima PhD, MA, BA(Hons), DipEduc, MIM*

Bħal ħafna pajjiżi oħrajn, f'Malta wkoll hawn numru ta' rħula antiki li llum m'għadhomx jeżistu. U dan m'huwiex xi fenominu li ġara dawn l-aħħar ftit snin. Fil-fatt, fil-ktieb tiegħu stampat fl-1647, l-istoriku Malti Ġann Franġisk Abela kien diġa' beda jagħti lista ta' rħula li żmienhom kien għadda. Kitbiet aktar bikrin tas-snin 1510 u 1575 isemmu rħula li darba kienu jeżistu u jitkellmu dwar movimenti tal-popolazzjoni li wasslu biex jintelqu għal kollox biċċiet kbar ħafna ta' art. Wieħed mill-irħula abbandunati mill-abitanti tiegħu kien Ħal Millieri.

### Ir-Raħal

Ħal Millieri jinsab bejn iż-Żurrieq, il-Qrendi, l-Imqabba u Ħal Kirkop fiċ-ċentru ta' l-akbar pjanura li hawn Malta, eżattament 2.3 kilometri mill-baħar u madwar 100 metru 'l fuq mil-livell tal-baħar, pjanura li hi art fertili u li minn dejjem kienet abitata, saħansitra sa miż-żminijiet pre-istoriċi. Dan hu aċċertat minn sejbiet arkeoloġiċi fil-qrib, sejbiet li jinkludu qabar Puniku, katakombi Rumani, ħawt għall-għasir taż-żebbuġ ta'



*Il-Knisja tal-Lunzjata f'Ħal Millieri.*



***Affresk ta' San Ġorġ fuq il-lemin tal-bieb inti u dieħel.***

żmien Ruman flimkien ma' numru ta' ġebel maħdum li jindikaw li kien hemm numru ta' siġar taż-żebbuġ u razzett Ruman li seta' baqa' jiffunzjona salmiġja tal-Għarab fis sena 870 W.K.

Mhux magħruf meta l-ewwel nies marru joqogħdu f'Ħal Millieri u anke l-isem stess hu suġġett għall-ispekulazzjoni. Filwaqt li l-kelma *Ħal* tfisser *raħal*, *Millieri* jista' jkun ġej mill-kelma Latina *millarium* li tfisser *mil*. Ħal Millieri hu dokumentat għall-ewwel darba fis-snin 1419-20 meta nsibuh fil-lista tad-Dejma bħala 'casale', jew raħal, b'erbatax-il raġel imniżżlin għas-servizz militari. Dan ifisser li fir-raħal kienu jgħixu minn 50 sa 60 ruħ.

Ħal Millieri kien jinkludi fih erba' knejjes żgħar, jew aħjar kappelli, li kollha nsibuhom imniżżlin fl-1575 iżda li ebda waħda minnhom qatt ma saret parroċċa. L-aktar waħda importanti fosthom kienet iddedikata lil-Lunzjata filwaqt li t-tlieta l-oħra kienu msemmijin għall-Viżitazzjoni, San Ġwann u San Mikiel. Ir-raħal stess kien miġbur madwar pjazza u l-knejjes u nsibuh inkluż fil-mappa ta' Malta ta' Perez d'Aleccio li tinsab fil-Palazz Presidenzjali tal-Belt. Dil-mappa turina wkoll kif Ħal Millieri kien konnettjat ma' rħula oħra permezz ta' mogħdijiet.

## Djar u Nies

Djar tajbin ta' dak iż-żmien normalment kienu jkunu ta' sular wieħed bl-inklużjoni ta' bitħa fejn kienu jinżammu l-annimali, qatgħa art għat-tkabbir ta' ħxejjex u bjar. Nies oħrajn kienu jgħixu fl-għerien jonkella f'għarajjex

magħmulin minn ġebel jew briks. Ma jeżisti ebda ħjiel ta' djar f'Ħal Millieri ħlief għall-bjar, l-ismijiet il-qodma ta' l-oqsma u l-għelieqi, pattern ta' triq u mogħdijiet xi ftit ġebel li llum huma inkorporati fil-ħitan tal-għelieqi, xi għarajjex fl-għelieqi u l-knejjes.

L-aqwa żmien fil-ħajja ta' Ħal Millieri kien fl-ewwel għaxar snin tas-seklu sbatax meta twieldu 25 tarbija; iżda mbagħad il-popolazzjoni naqset fin-numru u eventwalment ir-raħal kien abbandunat totalment lejn l-ewwel snin tas-seklu tmintax. L-aħħar twelid fih li nafu bih seħħ fis-sena 1711.

Wara nsibu li l-bdiewa komplew ikabbru l-uċuħ tar-raba u jieħdu ħsieb l-għelieqi tagħhom u, għal numru ta' snin, l-erba' knejjes baqgħu ċentru ta' devozzjoni reliġjuża. Hawnhekk irridu ngħidu li, għalkemm tul iż-żmien tal-ħajja tiegħu, Ħal Millieri kien konċentrat fuq l-agrikoltura u l-kappelli tiegħu, jibqa' l-fatt li kien jiddependi fuq iż-Żurrieq għas-servizzi reliġjużi.

Mhux magħruf għaliex Ħal Millieri kien abbandunat iżda x'aktarx li r-raġuni kienet waħda soċjali. Għax l-irħula fil-qrib, li kienu akbar minnu, kienu jipprovdu servizzi aħjar bħalma kienu ħwienet, taverni, sigurtà, tabib, spiżjar u servizzi reliġjużi aħjar.

## Kappelli

L-erba' knejjes, jew aħjar kappelli, ta' Ħal Millieri kienu mibnijin f'żewġ gruppi: il-Visitazzjoni u l-Lunzjata; San Ġwann u San Mikiel. Din mhix xi ħaġa li nsibuha f'Ħal Millieri biss iżda jidher li kienet ħaġa komuni li jiggruppaw knejjes żgħar flimkien bħalma nsibu f'diversi nħawi oħra tal-gżejjer Maltin.

Il-kappella ta' San Ġwann kienet diġa' teżisti fl-1481 iżda ta' San Mikiel tissemma l-ewwel darba fl-1575. F'xi żmien qabel l-1646, San Ġwann reġa' nbena mill-ġdid, fi stil x'aktarx barokk, u għadu jeżisti b'zuntier żgħir u quddiemu kolonna fi pjazzetta. San Mikiel reġa' nbena fl-1608 iżda dil-kappella ġiet dekonsagrata fl-1667 u mbagħad twaqqgħet.

L-istess ġara lill-kappella tal-Visitazzjoni li nsibu l-ewwel referenza għaliha fl-1575, ġiet dekonsagrata fl-1667 wkoll u mbagħad twaqqgħet. Min-naħa l-oħra, il-kappella tal-Lunzjata hi eqdem u ċertament aktar importanti mit-tlieta l-oħrajn. Hi ħaġa possibbli li rat il-bidu tagħha fis-seklu tlettax iżda l-bini preżenti hu tas-seklu ħmistax. Kollox ma' kollox,

ftit saru tibdiliet fiha għalkemm kien sar artal ġdid fuq pjattaforma. Forsi wieħed jista' jsib raġuni għaliex ma sarux tibdiliet: nuqqas ta' flus; il-ħajt u l-*introytus longus* ta' madwarha; u l-użu tal-kappella bħala post tad-dfin. Min-naħa l-oħra, dħul żgħir regolari żgura li l-kappella baqgħet teżisti. Dan wassal il-kappella sas-seklu tagħna meta kienet effettivament abbandunata sakemm fl-1968 is-soċjeta' nazzjonali "Din l-Art Ħelwa" ħadet ħsieb toħloq fondazzjoni għar-restawr u l-manutenzjoni tagħha.

Il-kappella tal-Lunzjata x'aktarx hi l-eżempju l-aktar preservat ta' knisja medjevali f'Malta u fiha nsibu l-isbaħ eżempju ta' pitturi medjevali fuq il-ħitan. Iz-zuntier, jew fejn kien il-post tad-dfin, li hemm madwarha hu f'livell aktar għoli tant li, biex tidħol ġewwa, trid tinżel tliet tarġiet. Minn ġewwa l-kappella hi twila 7.3 metri, wiesgħa 5.2 metri u maqsuma f'ħames partijiet permezz ta' arkati li jispiċċaw bil-ponta. Bejn kull arkata nsibu bank tal-ġebel mal-ħajt. Il-kappella hi mibnija kollha kemm hi bil-ġebel fi stil speċifikament Malti b'dekorazzjoni għat-tond fuq il-bieb ewlieni u bil-ħitan ta' barra mibnija b'ġebel maħdum. Fuq ġewwa, il-ħitan huma raffi iżda tgħattew b'kisja rfinuta. Wara l-artal hemm apside għat-tond filwaqt li l-bieb oriġinarjament kien baxx u għat-tond min-naħa ta' fuq iżda llum hu rettangolari u ogħla. Il-parti interna tal-kappella kienet ukoll tintuża għad-dfin, bħalma kienet l-użanza dak iż-żmien.

**Pitturi**

Bl-eċċezzjoni ta' l-apside, it-tliet ħitan huma miksija bi ħdax-il pittura. Tnejn minnhom, waħda fuq kull naħa tal-bieb, juru lil San Ġorġ qed joqtol id-dragun. Fid-disa' taqsimiet taż-żewġ ħitan tal-ġnub insibu disa' panewijiet li juru dawn il-qadddisin: San Vinċenz; San Lawrenz u San Ġwann; San Ġakbu l-Kbir; Sant'Andrija; San Nikola; San Pawl; Santu Wistin; Sant' Agata u San Blas; San Anard. Kien hemm pittura oħra fl-għaxar taqsima iżda din kienet tneħħiet meta nfetaħ bieb fil-ġenb tal-kappella għall-ħabta tas-sena 1634.

Dawn il-pitturi huma importanti ħafna u dan mhux biss għax huma eżemplari ta' l-arti Maltija fis-seklu ħmistax, iżda wkoll għax jindikaw il-kulti reliġjużi prinċipali eżistenti f'pajjiżna dak iż-żmien. Saru lejn nofs is-seklu ħmistax, huma affreski, u saru minn artist wieħed li baqa' mhux magħruf għalkemm instab l-isem *Garinu* miktub taħt il-wiċċ tal-panew li

juri 'l Sant' Agata u San Blas. Jista' jkun li dan Garinu kien xi pittur Sqalli li ġie kummissjonat dawn il-pitturi.


*Affresk ta' San Ġorġ fuq ix-xellug tal-bieb inti u dieħel.*

Kull panew kien xogħol li sar f'jum wieħed ħlief il-panew ta' Sant' Andrija u t-tnejn ta' San Ġorġ li kull wieħed ħa jumejn biex sar. L-artist uża numru limitat ta' kuluri u kiteb l-ismijiet tal-qaddisin ħdejn rashom bil-Latin-Sqalli. Dawn il-qaddisin, inkluż naturalment San Ġorġ, jindikaw tnax-il qaddis li f'Malta kien hawn knejjes dedikati lilhom qabel is-sena 1500 u nżidu li bosta mill-abitanti ta' Ħal Millieri ta' dak iż-żmien kellhom ismijiet simili. X'aktarx li dawn il-pitturi tħallsu minn xi benefattur għani. Il-pitturi ġew restawrati fil-1974 mill-Professoressa Paola Zanolini.

## Ikonografija ta' l-Affreski ta' San Ġorġ

Iż-żewġ affreski "Ġorġjani" f'Ħal Millieri juruna lill-qaddis impitter bl-aktar mod komuni wara s-seklu tnax: riekeb żiemel abjad, b'id waħda jidderieġi r-riedni taż-żiemel u b'idu l-oħra b'lanza f'idejh li magħha nsibu wkoll bandiera bajda b'salib aħmar li kienet assoċjata ħafna mal-kruċjati medjevali kontra l-Mislem. Ma jonqsux il-mantell aħmar, il-korazza u l-prinċipessa. Sfortunatament, parti miż-żewġ pitturi ntilfu u hawnhekk nassumu li kien hemm impitter id-dragun. Iż-żewġ pitturi qegħdin maż-żewġ ġnub tal-bieb u tqiegħdu hemm biex jirrapreżentaw il-ġlieda

kontinwa kontra d-dnub u l-ħażen.

Flimkien mal-pittura ekwestra fuq l-injam li għandna fil-parroċċa tagħna ta' San Ġorġ f'Ħal Qormi, parti minn polittiku li sar lejn nofs is-seklu ħmistax, dawn iż-żewġ pitturi medjevali – affreski biex inkunu eżatti – huma l-eqdem rappreżentazzjonijiet pittoriċi li għadhom jeżistu fil-gżejjer Maltin.


SILENCER SALES & SERVICE




CAMILLERI BROTHERS LTD.

*Head Office:*
**N/S Cannon Road, Qormi.**
**Tel. 21 487 393**
*Factory:*
**Huts 5–6, Corradino Heights, Paola.**
**Tel: 21 806 141**



WISE CHOICE

*Discount Store*

53, Victory Street, Qormi
Tel: 21 470 409 Mob: 7979 0480

**FREE DELIVERIES**